SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

7 ta' Novembru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 63(1) TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Restrizzjonijiet – Leġiżlazzjoni fiskali – Taxxa fuq il-kumpanniji – Taxxa fuq id-dividendi – Ugwaljanza fit-trattament bejn il-kumpanniji residenti u mhux residenti – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva lill-kumpanniji residenti l-possibbiltà li jnaqqsu mill-profitt taxxabbli tagħhom relatat mad-dividendi l-piżijiet li jikkorrispondu għall-obbligi tagħhom lejn il-klijenti tagħhom fil-kuntest ta' kuntratti ta' assigurazzjoni 'f'unitajiet ta' kont' u li jnaqqsu kompletament it-tassazzjoni tad-dividendi fuq it-taxxa fuq il-kumpanniji"

Fil-Kawża C-782/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Gerechtshof 's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' 's-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Diċembru 2022, fil-proċedura

XX

vs

Inspecteur van de Belastingdienst

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn T. von Danwitz, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, A. Arabadjiev, u I. Ziemele (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal XX, minn R.A. van der Jagt, belastingadviseur,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman u A. Hanje, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u R. Kanitz, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn I. Herranz Elizalde, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Ferrand u W. Roels, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 63(1) TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn XX, kumpannija stabbilita fir-Renju Unit, u l-Inspecteur van de Belastingdienst (l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxi, il-Pajjiżi l-Baxxi) dwar ir-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi miġbura fil-Pajjiżi l-Baxxi fuq id-dividendi rċevuti minn din il-kumpannija matul is-snin 2003 sa 2010 (iktar 'il quddiem il-"perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali").

Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi

3 L-Artikolu 3.8 tal-Wet inkomstenbelasting 2001 (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-2001), fil-verżjoni tagħha applikabbli matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistabbilixxi:

"Il-profitt ta' impriża (profitt) huwa s-somma tal-vantaġġi komuni li jirriżultaw minn impriża tkun xi tkun l-isem u l-forma tagħha."

4 L-Artikolu 3(1) tal-Wet op de vennootschapsbelasting 1969 (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji tal-1969), fil-verżjoni tagħha applikabbli matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji tal-1969"), moqri flimkien mal-Artikolu 17 ta' din il-liġi, jipprevedi li l-persuni taxxabbli mhux residenti huma biss suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Pajjiżi l-Baxxi sa fejn huma jirċievu dħul f'dan l-Istat Membru.

5 Konformement mal-Artikolu 7(1) u (2) tal-imsemmija liġi, għall-persuni taxxabbli residenti, it-taxxa tinġabar skont il-bażi taxxabbli li hija kkostitwita mill-profitt taxxabbli magħmul matul sena, imnaqqas bit-telf li jista' jitnaqqas.

6 L-Artikolu 8(1) tal-istess liġi jiddisponi li l-profitt għandu jiġi ddeterminat konformement mal-Artikolu 3.8 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-2001, fil-verżjoni tagħha applikabbli matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

7 L-Artikolu 25(1) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji tal-1969 jipprevedi li t-taxxa fuq id-dividendi hija kkunsidrata bħala impożizzjoni antiċipata skont it-taxxa fuq il-kumpanniji, ħlief meta t-taxxa fuq id-dividendi tinġabar fuq dħul jew fuq qligħ li ma jagħmilx parti mill-profitt taxxabbli jew mid-dħul tal-Pajjiżi l-Baxxi irċevut matul is-sena.

8 L-Artikolu 1(1) tal-Wet op de dividendbelasting 1965 (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dividendi tal-1965), fil-verżjoni tagħha applikabbli matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jipprevedi li taxxa diretta msejħa "taxxa fuq id-dividendi" tinġabar minn fuq dawk li, direttament jew permezz ta' ċertifikati, jibbenefikaw mid-dħul minn azzjonijiet jew minn ishma ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, minn kumpanniji privati b'responsabbiltà limitata, minn kumpanniji in akkomandita miftuħa u minn kumpanniji oħra li l-kapital tagħhom huwa maqsum totalment jew parzjalment f'azzjonijiet jew f'ishma, stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi.

9 Konformement mal-Artikolu 2 ta' din il-liġi, it-taxxa fuq id-dividendi tinġabar fuq id-dħul mill-azzjonijiet jew mill-ishma msemmija fl-Artikolu 1 tal-imsemmija liġi.

10 Il-parti inizjali tal-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(1)(a) tal-istess liġi jiddisponu li d-dħul jinkludi t-tqassim dirett jew indirett tal-profitti, taħt kwalunkwe isem jew kwalunkwe forma, inkluż il-profitt imqassam fl-okkażjoni tax-xiri ta' azzjonijiet jew ta' ishma, ħlief għal investiment temporanju, lil hinn mill-kapital medju mħallas fuq l-ishma kkonċernati.

11 L-Artikolu 5 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dividendi tal-1965, fil-verżjoni tagħha applikabbli matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jipprevedi li t-taxxa fuq id-dividendi tammonta għal 15 % tad-dħul.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 XX hija rreġistrata fir-Renju Unit bħala impriża tal-assigurazzjoni u tikkonkludi mal-klijenti tagħha, li huma prinċipalment organi ta' assigurazzjoni tal-pensjoni istituzzjonali u persuni li jimpjegaw stabbiliti fir-Renju Unit, kuntratti kklassifikati bħala "kuntratti ta' assigurazzjoni f'unitajiet ta' kont".

13 Bis-saħħa ta' dawn il-kuntratti, XX tinvesti l-primjums irċevuti mill-klijenti tagħha sabiex tiġġenera dħul fuq l-investiment, filwaqt li r-riskju ta' assigurazzjoni marbut mal-ftehimiet ta' pensjoni konklużi bejn il-klijenti u terzi huwa sostnut mill-klijenti. Il-primjums rċevuti mill-klijenti jiġu allokati lil grupp wieħed jew iktar ta' titoli trasferibbli, marbuta ma' unitajiet ta' kont, u, inkambju, "unitajiet" jiġu allokati lill-klijenti. Dawn tal-aħħar jingħataw għalhekk valur li jikkorrispondi għan-numru ta' dawn l-unitajiet, immultiplikat bil-valur tal-unità fil-mument li fih huma għandhom dritt għal ħlas. Dan il-mument jikkorrispondi ġeneralment għal dak li fih dawn il-klijenti huma obbligati jħallsu benefiċċji tal-pensjoni lill-assigurati tagħhom. Bl-eċċezzjoni tad-determinazzjoni tal-profil tar-riskju, il-klijenti ta' XX ma jaffettwawx l-għażla tat-titoli li jinvestu fihom u ma għandhom l-ebda dritt fuq dawn it-titoli, iżda jiddisponu biss minn interess ekonomiku derivattiv fil-valur tat-titoli li fihom jiġu investiti l-unitajiet.

14 Ir-remunerazzjoni ta' XX għall-attivitajiet ta' investiment offruti lill-klijenti tagħha tikkorrispondi għal perċentwali tal-valur tal-assi ġestiti għal dawn il-klijenti u tiddependi parzjalment fuq id-dħul fuq l-investiment miksub.

15 Matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-gruppi ta' servizzi kienu jinkludu azzjonijiet ta' kumpanniji stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Id-dividendi mħallsa minn dawn il-kumpanniji ġew suġġetti f'dan l-Istat Membru għat-taxxa fuq id-dividendi b'rata ta' 15 %.

16 Fir-Renju Unit, XX hija suġġetta għat-taxxa fuq il-profitti u ma tistax tnaqqas it-taxxa fuq id-dividendi li ngħabret mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

17 Peress li t-talba ta' XX intiża għar-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi relatata mal-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali għad-dividendi rċevuti fil-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll ilment sussegwenti ġew miċħuda mill-amministrazzjoni fiskali, XX adixxiet lir-rechtbank Zeeland-West-Brabant (il-Qorti Distrettwali ta' Zeeland-West-Brabant, il-Pajjiżi l-Baxxi) li, permezz ta' sentenza tal-24 ta' Awwissu 2020, min-naħa tagħha, ċaħdet ir-rikors tagħha bħala infondat.

18 XX appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Gerechtshof 's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' 's-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi), li hija l-qorti tar-rinviju.

19 Din tal-aħħar tindika li, f'dak li jirrigwarda d-dividendi rċevuti fil-Pajjiżi l-Baxxi, XX hija kkonfrontata b'differenza ta' trattament fiskali meta mqabbla ma' persuni taxxabbli residenti. Fil-fatt, id-dividendi rċevuti minn XX huma suġġetti għal taxxa ta' 15 % fuq l-ammont gross tagħhom, filwaqt li persuna taxxabbli residenti li tirċievi l-istess dividendi u li barra minn hekk teżerċita attivitajiet paragunabbli għal dawk ta' XX ma hijiex effettivament intaxxata fuq dawn id-dividendi.

20 Fil-fatt, minkejja li l-persuni taxxabbli residenti huma wkoll suġġetti għat-taxxa fuq id-dividendi, din it-taxxa tikkostitwixxi għalihom, konformement mal-Artikolu 25(1) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji tal-1969, impożizzjoni antiċipata abbażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji li huma ser ikunu suġġetti għaliha. It-taxxa fuq id-dividendi li huma suġġetti għaliha l-persuni taxxabbli residenti hija għalhekk imputabbli kollha kemm hija fuq it-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta u, jekk din l-aħħar taxxa tkun inqas mit-taxxa fuq id-dividendi li tkun inġabret, id-differenza tiġi rrimborsata lilhom.

21 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, kieku XX kienet stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, it-taxxa fuq il-kumpanniji tinġabar biss fuq ir-remunerazzjoni li hija tirċievi għas-servizzi li hija tipprovdi lill-klijenti tagħha. Il-bażi netta tat-taxxa fuq il-kumpanniji għad-dividendi rċevuti jkun żero, peress li fid-determinazzjoni tal-profitt, tittieħed inkunsiderazzjoni, bħala pożijiet, iż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti abbażi tal-kuntratti ta' assigurazzjoni f'unitajiet ta' kont.

22 Għalkemm il-ġbir ta' dividendi bħala tali ma jaffettwax id-diversi entrati tal-karta tal-bilanċ ta' XX, la għall-assi u lanqas għall-passiv, teżisti madankollu rabta kawżali diretta bejn id-dħul mill-investimenti ta' XX u l-varjazzjonijiet fl-obbligi tagħha lejn il-klijenti. Peress li d-dividendi huma profitti mqassma, teżisti rabta ekonomika bejn dawn id-dividendi, li jagħmlu parti mid-dħul mill-investimenti magħmula minn XX, u l-bidliet fil-livell tal-obbligi tagħha lejn il-klijenti. Fid-dawl ta' din ir-rabta, kieku XX kienet stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, hija ma tkunx suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji fuq dawn id-dividendi.

23 Il-qorti tar-rinviju tqis li tali differenza fit-trattament bejn residenti u dawk mhux residenti fir-rigward tad-dividendi rċevuti fil-Pajjiżi l-Baxxi tista' tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE. F'dak li jirrigwarda l-ammont gross tad-dividendi, is-sitwazzjoni ta' XX hija paragunabbli ma' dik ta' persuna taxxabbli residenti li tirċievi l-istess dividendi, peress li, fiż-żewġ każijiet, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jintaxxa dawn id-dividendi.

24 Madankollu, sa fejn XX tinvesti, b'mod partikolari, f'azzjonijiet fil-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tkopri l-obbligi tagħha lejn il-klijenti tagħha fil-kuntest ta' kuntratti f'unitajiet ta' kont u sa fejn, minbarra r-remunerazzjoni li XX tirċievi għall-provvista tas-servizzi tagħha u ta' spejjeż negliġibbli, id-dħul fuq l-investiment miksub iwassal għal bidla korrispondenti fil-valur tal-obbligi tagħha lejn

il-klijenti skont dawn il-kuntratti, tqum il-kwistjoni dwar jekk XX hijiex ukoll paragunabbli ma' resident benefiċjarju tad-dividendi mill-perspettiva tal-piżijiet li jwasslu din iż-żieda fl-obbligi tagħha lejn il-klijenti tagħha.

25 Il-qorti tar-rinviju tqis, essenzjalment, li l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tat-trattament fiskali tad-dividendi mħallsa lil XX ma tistax tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gerechtshof 's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' 's-Hertogenbosch) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 63(1) TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni, li bis-saħħa tagħha d-dividendi mħallsa minn kumpanniji (kkwotati) li huma stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi lil kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor li investiet, fost l-oħrajn, f'azzjonijiet f'dawn il-kumpanniji (kkwotati) sabiex jiġu koperti obbligi futuri ta' pagament huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn bir-rata ta' 15 % fuq l-ammont gross ta' dawn il-pagamenti ta' dividendi, filwaqt li l-piż ta' taxxa fuq il-pagamenti ta' dividendi lil kumpannija stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi f'ċirkustanzi li huma, mill-bqija, simili jkun ta' żero, għaliex fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa fuq il-qligħ li għaliha din il-kumpannija tkun suġġetta jittieħed inkunsiderazzjoni l-infiq inkors minħabba żieda fl-obbligi futuri ta' pagament tal-kumpannija, liema żieda tikkorrispondi kważi għal kollox ma' bidla (pożittiva) fil-valur tal-investimenti, minkejja li r-riċezzjoni ta' dividendi ma twassalx minnha nfisha għal bidla fil-valur ta' dawn l-obbligi?"

Fuq id-domanda preliminari

27 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 63(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, li bis-saħħa tagħha d-dividendi mqassma minn kumpannija residenti lil kumpannija mhux residenti, li investiet fl-azzjonijiet tal-ewwel kumpannija sabiex tkopri obbligi futuri ta' pagament, huma suġġetti għal taxxa fuq id-dividendi ta' 15 % fuq l-ammont gross tagħhom, filwaqt li d-dividendi mqassma lil kumpannija residenti huma suġġetti għat-taxxa fuq id-dividendi mnaqqsa f'ras il-għajn li tista' titnaqqas kollha kemm hija mat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta minn din l-aħħar kumpannija u tagħti lok għal rimbors, li jwassal sabiex il-piż fiskali fuq dawn id-dividendi jkun żero minħabba t-teħid inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji ta' din l-aħħar kumpannija, tal-ispejjeż ikkawżati miż-żieda fl-obbligi futuri tagħha ta' pagament.

Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni pprojbita mill-Artikolu 63(1) TFUE

28 Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-miżuri pprojbiti mill-Artikolu 63(1) TFUE, bħala restrizzjonijiet għall-movimenti tal-kapital, jinkludu dawk li huma ta' natura li jiddisswadu lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fi Stat Membru jew li jiddisswadu lir-residenti tal-imsemmi Stat Membru milli jinvestu fi Stati Membri oħra (sentenzi tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 48, u tad-29 ta' Lulju 2024, KEVA *et*, C-39/23, EU:C:2024:648, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 B'mod partikolari, il-fatt li Stat Membru jagħti lid-dividendi mħallsa lill-kumpanniji mhux residenti trattament inqas favorevoli minn dak li huwa rriżervat għad-dividendi mħallsa lil kumpanniji residenti jista' jiddisswadi lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dan l-Istat Membru milli jinvestu f'dan l-istess Stat Membru u jikkostitwixxi, konsegwentement, restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-7 ta' April 2022, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Eżenzjoni ta' fondi ta' investiment kuntrattwali) (C-342/20, EU:C:2022:276, punt 50).

30 L-applikazzjoni għad-dividendi mħallsa lil kumpanniji mhux residenti ta' piż fiskali ikbar minn dak sostnut mill-kumpanniji residenti fir-rigward tal-istess dividendi tikkostitwixxi tali trattament inqas favorevoli. L-istess jgħodd għall-eżenzjoni, totali jew sostanzjali, tad-dividendi mħallsa lil kumpannija residenti, filwaqt li d-dividendi mħallsa lil kumpannija mhux residenti huma suġġetti għal taxxa definittiva f'ras il-għajn (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Meta taxxa fuq id-dividendi tingħabar f'ras l-għajn minn Stat Membru fuq id-dividendi mqassma minn kumpanniji stabbiliti f'dan l-Istat Membru, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, sabiex jiġi evalwat jekk leġiżlazzjoni tal-imsemmi Stat Membru hijiex kompatibbli mal-Artikolu 63(1) TFUE, hija l-qorti nazzjonali kkonċernata, li hija l-unika li tista' tieħu konjizzjoni tal-fatti li għandha quddiemha, li għandha tivverifika jekk l-applikazzjoni ta' taxxa f'ras il-għajn għad-dividendi mqassma lil kumpannija mhux residenti twassalx sabiex din il-kumpannija tbati, b'mod definittiv, piż fiskali ikbar, fl-istess Stat Membru, minn dak sostnut minn residenti għall-istess dividendi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 48).

32 Tali verifika għandha ssir fid-dawl, minn naħa, tat-taxxa fuq id-dividendi dovuta mill-persuna taxxabbli mhux residenti u, min-naħa l-oħra, tat-taxxa fuq id-dividendi u tat-taxxa fuq id-dħul jew tat-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta mill-persuna taxxabbli residenti u li tinkludi, fil-valur taxxabbli tagħha, id-dħul li ġej mill-azzjonijiet li minnhom jirriżultaw id-dividendi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 74).

33 F'dan il-każ, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kemm id-dividendi mqassma lil kumpannija mhux residenti kif ukoll dawk imqassma lil kumpannija residenti huma suġġetti għal taxxa fuq id-dividendi.

34 Fir-rigward ta' kumpannija mhux residenti li tibbenefika mid-dividendi, din it-taxxa tingħabar b'mod definittiv, b'tali mod li d-dividendi huma suġġetti għal taxxa ta' 15 % fuq l-ammont gross tagħhom.

35 B'kuntrast ma' dan, għall-kumpannija residenti li tibbenefika mid-dividendi, din hija impożizzjoni antiċipata bħala taxxa fuq il-kumpanniji li hija ser tkun suġġetta għaliha u li jista' jitnaqqas kompletament minnha u jagħti lok għal rimbors, fil-każ fejn it-taxxa fuq id-dividendi teċċedi t-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta minn din il-kumpannija.

36 Konsegwentement, skont l-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-kumpannija residenti effettivament ma hijiex intaxxata fuq id-dividendi rċevuti, peress li, meta jiġi ddeterminat id-dħul taxxabbli taħt it-taxxa fuq il-kumpanniji, jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala piżijiet, iż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti abbażi tal-kuntratti ta' assigurazzjoni f'unitajiet ta' kont, li jwassal sabiex il-bażi netta tat-taxxa fuq il-kumpanniji fir-rigward ta' dawn id-dividendi jkun żero.

37 F'dan ir-rigward, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkontesta l-affermazzjoni tal-qorti tar-rinviju li l-piż fiskali tad-dividendi mqassma lill-kumpanniji residenti jkun żero u jsostni li l-piż li jirriżulta mit-taxxa ta' 15 % fuq id-dividendi grossi li huma suġġetti għaliha d-dividendi mħallsa lill-kumpanniji mhux residenti għandu jiġi pparagunat mal-piż fiskali li jirriżulta mit-taxxa fuq il-kumpanniji li kien jammonta għal 20 % sa 34 % matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali fuq id-dividendi netti, li għalih huma suġġetti d-dividendi mħallsa lill-kumpanniji residenti.

38 Madankollu, għandu jitfakkar li, f'dak li jikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija bħala prinċipju marbuta li tibbaża ruħha fuq il-kriterji li jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt intern ta' Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023, Deutsche Wohnen, C-807/21, EU:C:2023:950, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Għaldaqstant, wieħed għandu jibbaża ruħu fuq il-premessa esposta mill-qorti tar-rinviju u jikkunsidra li, anki meta tingħabar taxxa fuq id-dividendi kemm fuq id-dividendi mħallsa lill-kumpanniji residenti kif ukoll fuq id-dividendi mħallsa lill-kumpanniji mhux residenti, l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' imputazzjoni tat-taxxa fuq id-dividendi fuq it-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta mill-kumpannija residenti, kif ukoll tar-rimbors ta' din it-taxxa, fil-każ fejn it-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta hija inqas mit-taxxa fuq id-dividendi miġbura, previst mil-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, flimkien mal-modalitajiet ta' kalkolu tal-bażi taxxabbli tal-kumpannija residenti li tippermetti t-tnaqqis tal-piżijiet marbuta maż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti fir-rigward tal-kuntratti ta' assigurazzjoni f'unitajiet ta' kont, iwassal sabiex id-dividendi mħallsa lill-kumpanniji residenti jkunu eżentati mit-taxxa.

40 Minn dan jirriżulta li d-dividendi mħallsa lill-kumpanniji mhux residenti jġarrbu trattament fiskali inqas favorevoli minn dak irriżervat għad-dividendi mħallsa lill-kumpanniji residenti, sa fejn tal-ewwel huma suġġetti għal taxxa definittiva ta' 15 %, filwaqt li tat-tieni huma eżentati, b'mod definittiv, mit-taxxa.

41 Tali trattament żvantaġġuż tad-dividendi minn Stat Membru jista' jiddisswadi lill-kumpanniji mhux residenti milli jinvestu f'dan l-Istat Membru u jikkostitwixxi, konsegwentement, restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63(1) TFUE.

42 B'dan premess, bis-saħħa tal-Artikolu 65(1)(a) TFUE, l-Artikolu 63 TFUE ma jippreġudikax id-dritt li għandhom l-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli li ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni fir-rigward tar-residenza tagħhom jew tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom.

43 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Artikolu 65(1)(a) TFUE, sa fejn jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fundamentali ta' moviment liberu tal-kapital, għandu jiġi interpretat b'mod strett. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li kull leġiżlazzjoni fiskali li tagħmel distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli skont il-post fejn ikunu residenti jew skont l-Istat li

fih jinvestu l-kapital tagħhom hija awtomatikament kompatibbli mat-Trattat FUE (sentenza tas-7 ta' April 2022, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Eżenzjoni ta' fondi ta' investiment kuntrattwali) (C-342/20, EU:C:2022:276, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fil-fatt, id-differenzi fit-trattament awtorizzati mill-Artikolu 65(1)(a) TFUE ma għandhom jikkostitwixxu, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu, la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, għalhekk, li tali differenzi fit-trattament jistgħu jiġu awtorizzati biss meta dawn jirrigwardaw sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew, fil-każ kuntrarju, meta dawn ikunu ġġustifikati minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (sentenza tas-7 ta' April 2022, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Eżenzjoni ta' fondi ta' investiment kuntrattwali) (C-342/20, EU:C:2022:276, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Fuq l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet oġġettivament paragunabbli

45 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, minn naħa, li n-natura paragunabbli jew le ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni interna għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kif ukoll tal-għan u tal-kontenut ta' din tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, li huma biss il-kriterji ta' distinzjoni rilevanti stabbiliti minn din il-leġiżlazzjoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn tali leġiżlazzjoni tirriflettix differenza oġġettiva fis-sitwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, KEVA et, C-39/23, EU:C:2024:648, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk XX tinsabx f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' kumpannija residenti benefiċjarja ta' dividendi mill-perspettiva tal-piżijiet li jirriżultaw miż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti skont kuntratti ta' assigurazzjoni f'unitajiet ta' kont, liema żieda hija konsegwenza tal-ksib ta' dħul mill-azzjonijiet fil-kumpanniji li fihom XX investiet.

47 Għandu jiġi rrilevat li din il-qorti ma tippreċiżax l-għan speċifiku li l-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ssegwi billi tippermetti lill-kumpannija residenti tnaqqas mill-bażi taxxabbli l-piżijiet li jirriżultaw miż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti ta' tali kumpannija li kkonkludiet kuntratti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u tillimita ruħha li tirrileva li dan it-tnaqqis isir bħala spejjeż sostnuti.

48 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li, f'dak li jikkonċerna l-ispejjeż, bħal spejjeż professjonali direttament marbuta ma' attività li ġġenerat dħul taxxabbli fi Stat Membru, residenti u dawk mhux residenti ta' dan tal-aħħar jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Frar 2015, Grünewald, C-559/13, EU:C:2015:109, punt 29; tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 37; tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 57; kif ukoll tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 74).

49 Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom rabta diretta mal-attività inkwistjoni l-ispejjeż ikkawżati minn din l-attività u, għalhekk, neċessarji għall-eżerċizzju tagħha (sentenzi tal-24 ta' Frar 2015, Grünewald, C-559/13, EU:C:2015:109, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-13 ta' Lulju 2016, Brisal u KBC Finance Ireland, C-18/15, EU:C:2016:549, punt 46; kif ukoll tas-6 ta' Diċembru 2018, Montag, C-480/17, EU:C:2018:987, punt 33).

50 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward ta' dħul rċevut fil-forma ta' dividendi, tali rabta diretta teżisti biss fil-każ ta' spejjeż marbuta direttament mal-ġbir, fih innifsu, tad-dividendi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punti 58 u 59).

51 Għalhekk, tali rabta ma teżistix f'dak li jikkonċerna t-tnaqqis tad-dividend inkluż fil-prezz tax-xiri tal-azzjonijiet, peress li tali tnaqqis huwa intiż sabiex jiġi stabbilit il-prezz tax-xiri reali tagħhom, u lanqas fir-rigward tal-ispejjeż ta' finanzjament, peress li dawn huma relatati maż-żamma, bħala tali, tal-azzjonijiet li huma l-oriġini tad-dividendi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 60).

52 Ċertament, iż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti ma tidhirx li tista' tkun marbuta mal-ġbir, fih innifsu, tad-dividendi, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 50 ta' din is-sentenza.

53 Madankollu, dan is-sempliċi fatt ma jippermettix li jiġi konkluż li s-sitwazzjonijiet ta' benefiċjarji ta' dividendi residenti u mhux residenti ma humiex paragunabbli fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

54 Fil-fatt, fil-punti 55 u 81 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia (C-641/17, EU:C:2019:960), wara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et* (C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li fond ta' pensjoni mhux residenti, li jaffettwa d-dividendi rċevuti għall-provvedimenti marbuta mal-pensjonijiet tal-irtirar li huwa jkollu jħallas fil-futur, deliberatament jew b'applikazzjoni tad-dritt fis-seħħ fl-Istat ta' residenza tiegħu, kien jinsab f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' fond ta' pensjoni residenti fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha, għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-kumpanniji, il-ġbir ta' dividendi minn tali fond ta' pensjoni residenti jwassal għal żieda żgħira ħafna tad-dħul taxxabbli tiegħu, jew saħansitra, f'ċerti każijiet, fl-assenza ta' żieda tal-imsemmi riżultat. Il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament irrilevat, f'dan il-punt 55, li tali ġbir kellu l-effett li jżid proporzjonalment il-provvedimenti tekniċi u li d-dħul taxxabbli tal-fond ta' pensjoni residenti kkonċernat kien jiżdied biss fl-ipoteżi fejn id-dħul fuq l-investiment mhux kontabbli ma jkunx ikkreditat b'diversi kuntratti ta' dan l-aħħar fond ta' pensjoni.

55 Fil-punti 79 u 80 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia (C-641/17, EU:C:2019:960), il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt qieset, minn naħa, li kienet teżisti, fil-kawża li tat lok għal din, rabta ta' kawża u effett bejn il-ġbir ta' dividendi, iż-żieda tal-provvedimenti matematiċi u entrati oħra tal-passiv u n-nuqqas ta' żieda tal-bażi taxxabbli tal-fond residenti, u, min-naħa l-oħra, li tali leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti eżenzjoni totali jew kważi totali tad-dividendi mħallsa lil fondi ta' pensjoni residenti tiffaċilita għalhekk l-akkumulazzjoni tal-kapital ta' tali fondi, filwaqt li l-fondi ta' pensjoni kollha huma, bħala prinċipju, obbligati jinvestu l-primjums tal-assigurazzjoni fis-suq tal-kapital sabiex jiġġeneraw dħul fil-forma ta' dividendi li jippermettulhom jissodisfaw l-obbligi futuri tagħhom taħt kuntratti ta' assigurazzjoni.

56 Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk qieset li l-obbligi tal-fondi ta' pensjoni, relatati mal-investiment tal-primjums tal-assigurazzjoni u mal-allokazzjoni tad-dividendi rċevuti għall-provvedimenti marbuta mal-pensjonijiet tal-irtirar, jistgħu jkunu l-bażi tal-paragun bejn il-fondi ta' pensjoni residenti u dawk mhux residenti fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, permezz tal-modalitajiet ta' kalkolu tal-valur taxxabbli tat-taxxa fuq il-kumpanniji, tippermetti l-eżenzjoni

totali jew kważi totali tad-dividendi rċevuti minn fond ta' pensjoni residenti, meta teżisti rabta ta' kawża u effett bejn il-ġbir tad-dividendi u l-piżijiet ikkostitwiti minn dawn l-obbligi u li jirriżultaw mill-attività ta' tali fondi.

57 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, għalkemm kumpannija, bħal XX, ma tikkostitwixxix fond ta' pensjoni, l-attività tagħha hija madankollu kkaratterizzata mill-fatt li din il-kumpannija tinvesti, b'mod partikolari f'azzjonijiet fil-Pajjiżi l-Baxxi, sabiex tkopri l-obbligi tagħha lejn il-klijenti tagħha fil-kuntest ta' kuntratti b'unitajiet ta' kont u li d-dħul fuq l-investiment miksub mill-imsemmija kumpannija jwasslu għal tibdil korrispondenti tal-valur tal-obbligi tagħha lejn il-klijenti skont dawn il-kuntratti.

58 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li teżisti rabta kawżali diretta bejn id-dħul mill-investimenti u l-varjazzjonijiet fl-obbligi tagħha u li huwa preċiżament minħabba din ir-rabta li kumpannija residenti ma tkunx intaxxata fuq dawn id-dividendi bħala taxxa fuq il-kumpanniji, peress li dawn tal-aħħar jikkostitwixxu profitti mqassma u li teżisti rabta ekonomika bejn l-imsemmija dividendi u l-bidla fil-livell ta' obbligi lejn il-klijenti.

59 Issa, jekk jirriżulta, fid-dawl tal-għan speċifiku tal-attivitajiet ta' investiment, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tirrikonoxxi tali rabta diretta bejn id-dividendi rċevuti mill-kumpanniji residenti u l-bidla fil-livell ta' obbligi lejn il-klijenti ta' dawn il-kumpanniji, fatt li għandu jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkonstatat li kumpannija mhux residenti tinsab f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli ma' dik ta' kumpannija residenti fir-rigward tad-dividendi li ġejjin mill-Pajjiżi l-Baxxi, peress li tali kumpannija mhux residenti ssegwi l-istess attività u d-dividendi rċevuti minnha jwasslu għat-tibdil fil-livell ta' obbligi lejn il-klijenti tagħha.

60 Barra minn hekk, jekk rabta diretta hija rrikonoxxuta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali bejn id-dividendi rċevuti mill-kumpanniji residenti u l-bidla fil-livell ta' obbligi lejn il-klijenti ta' dawn il-kumpanniji, li tista' titnaqqas mill-valur taxxabbli skont it-taxxa fuq il-kumpanniji, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk tali mekkaniżmu għandux bħala għan eżenzjoni pura u sempliċi tat-tassazzjoni tad-dividendi mqassma lill-kumpanniji residenti li jikkonkludu kuntratti f'unitajiet ta' kont (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 42).

61 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-mument meta Stat jissuġġetta, unilateralment jew permezz ta' ftehim, għat-taxxa fuq id-dħul mhux biss lil persuni taxxabbli residenti, iżda wkoll lil persuni taxxabbli mhux residenti, għad-dividendi li dawn jirċievu mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija persuni taxxabbli mhux residenti toqrob lejn dik tal-persuni taxxabbli residenti (sentenzi tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 67, u tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

62 Fil-fatt, huwa s-sempliċi eżerċizzju minn dan l-istess Stat Membru tal-ġurisdizzjoni fiskali tiegħu li, irrispettivament minn kull tassazzjoni fi Stat Membru ieħor, jagħti lok għal riskju ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa doppja ekonomika. F'każ simili, sabiex il-persuni taxxabbli benefiċjarji mhux residenti ma jkunux ikkonfrontati minn restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63(1) TFUE, l-Istat Membru ta' residenza tal-kumpannija distributriċi għandu jħares li, fir-rigward tal-mekkaniżmu previst mid-dritt nazzjonali tiegħu sabiex jipprevjeni jew inaqqas is-sensiela ta' ntaxxar jew it-tassazzjoni ekonomika doppja,

il-persuni taxxabbli mhux residenti jiġu ssuġġettati għal trattament ekwivalenti għal dak li jibbenefikaw minnu l-persuni taxxabbli residenti (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

63 Fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonstata li kumpannija mhux residenti tinsab f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli ma' dik ta' kumpannija residenti, ikun meħtieġ, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 44 ta' din is-sentenza, li jiġi eżaminat jekk id-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax, skont il-każ, tiġi ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

Fuq l-eżistenza ta' raġuni imperattiva ta' interess ġenerali

64 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li tali raġunijiet ma tqajmux la fit-talba għal deċiżjoni preliminari u lanqas mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija, jekk ikun il-każ, il-qorti tar-rinviju li għandha teżamina eventwali ġustifikazzjoni fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

65 Madankollu, fl-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub, il-Gvern Ġermaniż jikkunsidra li, f'dan il-każ, eventwali restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital hija ġġustifikata min-neċessità li jinżammu kemm it-tqassim tas-setgħat ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll il-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali. Sabiex tingħata risposta utli li tippermetti lill-qorti tar-rinviju tiddeċiedi t-tilwima li għandha quddiemha, għandu jiġi eżaminat jekk dawn ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali jistgħux jiġġustifikaw tali restrizzjoni.

66 Il-Gvern Ġermaniż isostni, minn naħa, li n-nuqqas ta' tnaqqis tal-piżijiet relatati maż-żieda fl-obbligi ta' pagament li jirriżultaw minn kuntratti ta' investiment ta' kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni jservi sabiex jippreżerva t-tqassim tas-setgħat ta' tassazzjoni miftiehem bejn l-Istati peress li jista' jiġi preżunt li XX tista' tnaqqas, fl-Istat ta' residenza tagħha, il-piżijiet fiskali marbuta maż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti tagħha minħabba r-rabta mal-attività ta' investiment ta' kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni f'isem organi ta' previdenza tax-xjuħija, u r-remunerazzjonijiet li jirriżultaw minnhom. Issa, tnaqqis addizzjonali waqt it-tassazzjoni tad-dħul minn dividendi fil-Pajjiżi l-Baxxi jwassal, konsegwentement, għal vantaġġ fiskali doppju, li jmur kontra t-tqassim tas-setgħat ta' tassazzjoni mwettaq.

67 Min-naħa l-oħra, teżisti korrelazzjoni bejn il-vantaġġ fiskali kkonċernat u t-tpaċija ta' dan il-vantaġġ permezz ta' impożizzjoni fiskali partikolari, li tippermetti li tiġi adottata l-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li tinżamm il-koerenza tas-sistema fiskali tal-Istat Membru kkonċernat. Fil-fatt, l-ispejjeż fiskali ta' XX li jirriżultaw, skont il-każ, miż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti huma direttament marbuta mar-remunerazzjonijiet li hija rċeviet għall-investiment ta' kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni u li ma humiex suġġetti għat-taxxa fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-esklużjoni tat-tnaqqis tal-ispejjeż eventwali marbuta maż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti, fil-kuntest tat-tassazzjoni tad-dividendi rċevuti minn XX, issegwi għalhekk loġika simetrika u tikkostitwixxi l-kontroparti tan-nuqqas ta' tassazzjoni tar-remunerazzjonijiet li jirriżultaw mill-investiment ta' kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni.

68 Fl-ewwel lok, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-preżervazzjoni tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri hija fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, bħal miżura nazzjonali intiża li tipprevjeni aġir li jista' jikkomprometti d-dritt ta' Stat Membru li

jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, ACC Silicones, C-572/20, EU:C:2022:469, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Madankollu, tali raġuni ma tistax tiġġustifika l-intaxxar ta' kumpanniji mhux residenti li jibbenefikaw minn dividendi minn Stat Membru li għażel li ma jintaxxax lill-kumpanniji residenti fir-rigward ta' dan it-tip ta' dħul (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, ACC Silicones, C-572/20, EU:C:2022:469, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 F'dan il-każ, għalkemm ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għażel li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tad-dividendi kollha rċevuti mill-kumpanniji kemm residenti kif ukoll mhux residenti, dan l-Istat Membru ddeċieda wkoll, kif jirriżulta mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, li jinnewtralizza kompletament il-piż tat-taxxa f'ras il-għajn fuq dawn id-dividendi meta dawn tal-aħħar jitħallsu lil kumpanniji residenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, iż-żamma tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri ma tistax tiġġustifika t-tassazzjoni tal-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra fir-rigward ta' dan it-tip ta' dħul (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, ACC Silicones, C-572/20, EU:C:2022:469, punt 55).

71 Fit-tieni lok, sa fejn, fil-kuntest tal-argument dwar it-tqassim tas-setgħat ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Gvern Ġermaniż jinvoka fir-realtà r-rieda li jiġi evitat it-tnaqqis doppju tal-piżijiet, għandu jiġi rrilevat li Stat Membru huwa ġġustifikat li jivverifika li l-piżijiet imposti fuq id-dividendi, li t-tnaqqis tagħhom huwa għalhekk mitlub, ma jistgħux jiġu kkunsidrati, fi Stat Membru ieħor, bħala li jintaxxaw dħul ieħor, bħad-dħul li jirriżulta mir-remunerazzjoni mħallsa mill-klijenti tal-kumpannija għall-investimenti mwettqa, u li, għalhekk, ma jitnaqqsux mill-imsemmi dħul f'dan l-Istat Membru l-ieħor.

72 Madankollu, billi tillimita ruħha li ssemmi, mingħajr ebda preċiżazzjoni oħra, l-eżistenza eventwali ta' riskju li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-piżijiet li jolqtu d-dividendi jistgħu jitnaqqsu għat-tieni darba fl-Istat ta' residenza tal-kumpannija benefiċjarja tagħhom, mingħajr ma jiġi stabbilit kif l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE tad-19 ta' Diċembru 1977 dwar assistenza reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u t-taxxi fuq *premiums* ta' l-assigurazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 63), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/106/KE tas-16 ta' Novembru 2004 (ĠU 2008, L 333M, p. 266, rettifika fil-ĠU 2009, L 51M, p. 90), fis-seħħ matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma ppermettietx li jiġi evitat dan ir-riskju, il-Gvern Ġermaniż ma jippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-portata ta' dan l-argument (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Frar 2015, Grünewald, C-559/13, EU:C:2015:109, punt 52, u tat-13 ta' Lulju 2016, Brisal u KBC Finance Ireland, C-18/15, EU:C:2016:549, punt 38).

73 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq in-neċessità li tiġi ppreżervata l-koerenza tas-sistema fiskali tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, għandu jiġi kkonstatat li dan huwa bbażat fuq il-premessa li l-piżijiet relatati maż-żieda tal-obbligi lejn il-klijenti ma għandhomx rabta diretta mal-attività li ġġenerat dħul taxxabbli, fil-forma ta' dividendi, f'dan l-Istat Membru, iżda huma relatati mar-remunerazzjoni rċevuta mill-kumpannija benefiċjarja tad-dividendi, min-naħa tal-klijenti tagħha għall-investimenti li hija għamlet għalihom. Issa, fil-każ ta' kumpannija mhux residenti, bħal XX, tali remunerazzjoni ma hijiex taxxabbli fil-Pajjiżi l-Baxxi.

74 Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 59 ta' din is-sentenza, kumpannija mhux residenti tinsab f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' kumpannija residenti fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-piżijiet relatati maż-żieda fl-obbligi lejn il-klijenti biss sakemm is-sistema fiskali tal-Istat Membru ta' residenza tal-kumpannija li tqassam dawn id-dividendi tirrikonoxxi rabta diretta bejn l-imsemmija dividendi u l-imsemmija piżijiet. Issa, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu s-setgħa li jintaxxa d-dividendi li ġejjin mill-Pajjiżi l-Baxxi mqassma lill-kumpanniji kemm residenti kif ukoll mhux residenti.

75 In-neċessità li jiġi ppreżervat it-tqassim tas-setgħat ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, li jiġi evitat it-teħid inkunsiderazzjoni doppju tal-piżijiet u li tiġi ppreżervata l-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali ma jistgħux, għaldaqstant, jiġu invokati sabiex jiġġustifikaw ir-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

76 Fid-dawl tal-motivi kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 63(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha d-dividendi mqassma minn kumpannija residenti lil kumpannija mhux residenti, li investiet fl-azzjonijiet tal-ewwel kumpannija sabiex tkopri obbligi futuri ta' pagament, huma suġġetti għal taxxa fuq id-dividendi ta' 15 % fuq l-ammont gross tagħhom, filwaqt li d-dividendi mqassma lil kumpannija residenti huma suġġetti għat-taxxa fuq id-dividendi mnaqqsa f'ras il-għajn li tista' titnaqqas kollha kemm hija mit-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta minn din l-aħħar kumpannija u tagħti lok għal rimbors, li jwassal sabiex il-piż fiskali fuq dawn id-dividendi jkun żero minħabba t-teħid inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji ta' din l-aħħar kumpannija, tal-ispejjeż ikkawżati miż-żieda fl-obbligi futuri tagħha ta' pagament.

Fuq l-ispejjeż

77 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 63(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha d-dividendi mqassma minn kumpannija residenti lil kumpannija mhux residenti, li investiet fl-azzjonijiet tal-ewwel kumpannija sabiex tkopri obbligi futuri ta' pagament, huma suġġetti għal taxxa fuq id-dividendi ta' 15 % fuq l-ammont gross tagħhom, filwaqt li d-dividendi mqassma lil kumpannija residenti huma suġġetti għat-taxxa fuq id-dividendi mnaqqsa f'ras il-għajn li tista' titnaqqas kollha kemm hija mit-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta minn din l-aħħar kumpannija u tagħti lok għal rimbors, li jwassal sabiex il-piż fiskali fuq dawn id-dividendi jkun żero minħabba t-teħid inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji ta' din l-aħħar kumpannija, tal-ispejjeż ikkawżati miż-żieda fl-obbligi futuri tagħha ta' pagament.

Firem